TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 75/16/GB

**Helen Zerafa Boffa u Ron Soler**

**vs**

**Sterling Holdings Ltd.**

Illum 6 ta' Lulju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' April, 2016, fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf u mitt Ewro (€1,100.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal curkett li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema curkett kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw curkett minghand is-socjeta' ntimata fid-29 ta' Lulju 2015, fejn ir-rikorrenti kienet libsitu biss erbgha darbiet, u fit-18 ta' Dicembru 2015, hija ndunat illi kienet tilfet parti mic-curkett waqt *party*. Ir-rikorrenti baqghu ma sabux din il-parti tac-curkett li ntilfet u ghalhekk huma rrapportaw it-telf lis-socjeta' ntimata fil-21 ta' Dicembru 2015, fejn hija nformathom sabiex jergghu jmorru ghandhu ghan-nofs ta' Jannar ghaliex kienet imhabbta hafna ghall-Milied. Illi ghalhekk, fit-13 ta' Jannar 2016, ir-rikorrenti rritornaw ghand is-socjeta' ntimata, li nformathom li kienet ser tibghat ic-curkett il-Germanja biex jissewwa. Illi pero', fit-2 ta' Frar 2016, hija nformathom li l-manifatturi tac-curkett ma kienux ghadhom qed jimmanifatturaw ic-curkett in kwistjoni, u li minnflok setghu jaghzlu xi haga differenti mill-

hanut ghall-ammont ekwivalenti tac-curkett. Ir-rikorrenti kienu interessati biss f'dak ic-curkett u ghalhekk qed jitolbu li jinghataw lura l-flus.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew ir-ricevuta, flimkien ma' dokument li nghata lilhom meta hadu c-curkett ghat-tiswija, li gew immarkati bhala Dok.HB1; kif ukoll kopja ta' ittra registrata li ntbaghtet lis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.HB2.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kienitx ippreżentat risposta bil-miktub u ghalhekk baqghat kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha ghat-talba in kwistjoni. It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezami tal-provi prodotti, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata zzomm ic-curkett in kwistjoni (li jinsab diga' fil-pussess taghha), u jhallas l-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**